KUNSILL LOKALI LOCAL COUNCIL

BORMLA
*Citta' Cospicua*

**MINUTI**

**Laqgħa b'urgenza tal-Kunsill Lokali Bormla**

## Is-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 013/2021

4 ta' Novembru 2021

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fis-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Alison Zerafa Civelli – Sindku
Marco Agius – Vici-Sindku
Martin Vella – Kunsillier
James Cauchi - Kunsillier
Melanie Agius Attard - Kunsilliera
Johann Scerri – Kunsillier
Noyah Spiteri Hammett – Kunsilliera

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**
Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sa. Alison Zerafa Civelli, Sindku , ippresjediet il-laqgha

### 13.1 Jum Bormla 2021

13.1.1 Is-Sindku infurmat lil dawk prezenti illi s-seduta kienet issejhet wara li matul seduta nurmu 12 kien gie deciz illi kellha tissejjah laqgha bil-ghan illi jigu diskussi temi relatati mal-programm ta' attivitajiet li kien qieghed jigi organizzat fl-okkazjoni ta' Jum Bormla 2021. Is-Sa. Zerafa Civelli stiednet lill-Vici-Sindku sabiex jispjega fid-dettall il-programm ta' attivitajiet.

13.1.2 Is-Sur Marco Agius ghadda sabiex jaghti spjegazzjoni dettaljata tal-programm li kien gie mhejji, inkluz l-arrangamenti li kienu saru. F'dan l-istadju, il-Kunsilier Martin Vella staqsa ghaliex kien qieghed jigi propost illi Gieh Bormla jinghata fl-20 ta' Novembru 2021 u mhux fid-19 ta' Novembru 2021 kif diskuss f'seduta precedenti. Segwiet diskussjoni libera dwar il-materja li matulha fost l-ohrajn gie mistoqsi jekk decizjoni tal-Kunsill Lokali setghetx tigi mibdula. Wara li s-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali bil-parametri legali li kienu japplikaw ( art 23 (1) tas-sitt skeda tal-Att dwar il-Gvern Lokali), il-Vici- Sindku ressaq proposta sabiex il-programm jigi approvat hekk kif propost. Il-Kunsillier James Cauchi issekonda l-proposta tal-Vici-Sindku li giet approvata b'sitt voti favur u vot wiehed kontra.
Il-Kunsillier Martin Vella qal illi huwa kien jaqbel mal-programm kollu ghajr mal-ghoti ta' Gieh Bormla fl-20 ta' Novembru.

13.1.2 Is-Sindku qalet illi galadarba kienu gew iffinalizzati l-attivitajiet kollha marbuta ma' Jum Bormla 2021, kien jinhtieg biss illi jigi deciz min kien ser jinghata Gieh Bormla. Is-Sur Marco Agius qal illi, hekk kif kien diga' ssuggerixxa, huwa kien qieghed jipproponi illi Gieh Bormla 2021 jinghata lil Dr. Lydia Abela.

*F'dan l-istadju is-Sindku iddikjarat kunflitt ta' interess skont artiklu 11 tat-tlettax il-skeda tal-Att dwar il-Gvern Lokali u filwaqt li qamet minn mal-mejda harget mill-kamra tas-seduta.*

*Is-Sur Marco Agius ha post is-Sindku u ppresjeda s-seduta.*

Segwiet diskussjoni libera dwar il-materja li matulha gie diskuss il-fatt li kemm il-darba jittiehed vot u decizjoni membri ohra tal-Kunsill Lokali ma kiex ser ikollhom possibilita' illi jressqu nomini. Il-Kunsillier Martin Vella iddibatta mal-Kunsillier James Cauchi u mal-Kunsilliera Noyah Spiteri Hammett il-possibilita' illi jinghata c-cans illi jressaq proposti ta' ismijiet ohra.

F'dan l-istadju is-seduta giet sospiza bil-ghan illi jigu ccarati xi dubji li kien hemm mal-Att dwar il-Gvern Lokali ( 18:10)

Il-membri tal-Kunsill Lokali dahlu lura ghas-seduta, liema seduta tkompliet ( 18:18)

13.1.3 Is-Sur Marco Agius ressaq rakkomandazzjoni sabiex Gieh Bormla 2021 jinghata lil Dr. Lydia Abela.
Is-Sur Martin Vella ippropona illi r-rakkomandazzjoni tas-Sur Agius tigi emendata u wara l-kliem "Dr. Lydia Abela" jizdied il-kliem "flimkien mal-eks-Sindku Joseph Scerri."
Ma kien hemm ebda sekondant

Is-Sur James Cauchi ssekonda r-rakkomandazzjoni originali tas-Sur Agius, bl-istess rakkomandazzjoni tigi approvata b'hames (5) voti favur u vot wiehed (1) kontra. Fuq talba tal-Kunsillier Cauchi gew irregistrati l-voti li kienu s-segwenti:

| | |
|---|---|
| Marco Agius | Favur |
| Noyah Spiteri Hammett | Favur |
| Johann Scerri | Favur |
| Martin Vella | Kontra |
| Melanie Agius | Favur |
| James Cauchi | Favur |

F'dan l-istadju dahlet lura ghas-Seduta is-Sinjura Alison Zerafa Civelli u kompliet tippresjedi.

Is-seduta giet fi tmiemha fis-6:38 p.m. wara li giet ezawrita l-agenda

IFFIRMATA
____________________
**Alison Zerafa Civelli**
Sindku

IFFIRMATA
____________________
**Duncan Hall**
Segretarju Eżekuttiv